# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar nhar it-Tnejn, 17 ta' Marzu 2025**

**Rikors Nru: 360/2024**
**Nru fuq il-Lista: 5**

**Claude Roderick Dalli (K.I. 0473384M), Josette Antonia Debono Dalli (K.I. 0394681M), Erica Marmara' (K.I. 0028970M) u Anthony *sive* Toninu *sive* Ninu Dalli (K.I. 0210338M)**

**vs**

**Saviour Spiteri (K.I. 0828147M) u Maria Spiteri (K.I. 0372749M)**

**Il-Bord;**

Ra r-rikors promotur mressaq fid-9 ta' Awwissu 2024[1], flimkien mad-dokumentazzjoni hemm annessa, fejn *ad litteram* ġie premess u mitlub is-segwenti:

---

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

1. *Illi l-Esponenti huma komproprjetarji tal-fond bin-***numru mitejn u tmienja u tletin (238), Triq is-Sorijiet, Ħal Tarxien,** *inkluż l-arja libera tiegħu u sottosuol, soġġett għar-rata tiegħu ta' ċens perpetwu ta' għaxar xelini (Lm 0.00,10) fis-sena, li huma ekwivalenti għal wieħed punt wieħed sebgħa Ewro (€1.17), altrimenti liberu u frank minn ħlas ta' piż piju u ċens ieħor bil-ġiustijiet u l-pertinenzi tiegħu kollha.*

2. *Illi oriġinarjament l-fond bin-numru mitejn u tmienja u tletin (238), Triq is-Sorijiet, Ħal Tarxien kien ġie akkwistat minn Giuseppe Dalli fid-durata taż-żwieġ tiegħu ma' Annunziata Dalli nee' Schembri permezz ta'* ***kuntratt ta' bejgħ datat tmienja u għoxrin ta' Marzu tas-sena elf u disa' mija u disgħa u erbgħin (28/03/1949) fl-atti tan-Nutar Giovanni Carmelo*** **Chapelle**. *Kopja tal-kuntratt hawn annessa u mmarkata* **Dok. A.**

3. *Illi* **Giuseppe Dalli kera** *l-fond bin-numru mitejn u tmienja u tletin (238), Triq is-Sorijiet, Ħal Tarxien* **lill-intimati**, *liema fond jintuża bħala r-residenza ordinarja tal-intimati, u liema fond ilu jintuża bħala r-residenza ordinarja tal-intimati għal bosta snin.*

4. *Illi* **Giuseppe Dalli miet** *fil-**25 ta' Frar 1976*** *filwaqt illi* **Annunziata Dalli mietet** ***fit-18 ta' Diċembru 1999***. *Illi mir-riċerki testamentarji, kopji hawn annessi mmarkati* **Dok. B** *jirriżulta illi Giuseppe Dalli miet intestat filwaqt illi s-suċċessjoni ta' Annunziata Dalli ġiet irregolata skont it-testment tagħha datat 11 ta' Novembru 1982 fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Rosario Bonello. Għaldaqstant, il-fond bin-numru mitejn u tmienja u tletin (238), Triq is-Sorijiet, Ħal Tarxien iddevolva fuq is-***sitt (6) uliedhom Lorenza,**

***Nancy, Maria, Toninu, George u Michael, aħwa Dalli***. *Is-Suċċessjoni tal-imsemmija Annunziata Dalli ġiet debitament denunzjata permezz ta' dikjarazzjonijiet Causa Mortis datati 14 ta' Ġunju 2000 u 16 ta' Ġunju 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Rosella Sciberras, kopji hawn annessi u mmarkati* **Dok.C** *u* **Dok. D** *rispettivament.*

5. *Illi* **Lorenza Dalli mietet** *fl-**4 ta' Ottubru 2008**. Hija mietet mingħajr tfal u intestata hekk kif jidher mill-kopja tar-riċerki testamentarji hawn annessi u mmarkati* **Dok. E** *u għaldaqstant* **wirtuha** *skont il-liġi* ***ħutha Nancy, Maria, Toninu, George u Michael, aħwa Dalli***. *Is-Suċċessjoni tal-imsemmija Lorenza Dalli ġiet debitament denunzjata permezz ta' dikjarazzjoni Causa Mortis datata 23 ta' Marzu 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Rosella Sciberras, kopja hawn annessa u mmarkata* **Dok.F.**

6. *Illi* **George Dalli miet** *fil-**15 ta' Marzu 2011** u s-suċċessjoni tiegħu ġiet irregolata skont it-testment tiegħu datat 11 ta' Frar 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia, hekk kif jidher mill-kopja tar-riċerki testamentarji hawn annessi u mmarkati* **Dok. G**. *Permezz tal-uniku testment tiegħu datat 11 ta' Frar 2000 fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia, huwa nnomina* **eredi universali** *lil uliedu* **Josette Debono Dalli u Claude Dalli**. *Is-Suċċessjoni tal-imsemmi George Dalli ġiet debitament denunzjata permezz ta' dikjarazzjoni Causa Mortis datata 14 ta' Settembru 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel, kopja hawn annessa u mmarkata* **Dok.H.**

7. *Illi* **Michael Dalli miet** *fl-**24 ta' Marzu 2022** u s-suċċessjoni tiegħu ġiet irregolata skont it-testment tiegħu datat 28 ta' Lulju 2003 fl-atti tan-Nutar*

*Clinton Bellizzi, hekk kif jidher mill-kopja tar-riċerki testamentarji hawn annessi u mmarkati* ***Dok. I****. Permezz tal-uniku testment tiegħu unica charta magħmul flimkien ma' martu Shelia Lilian Dalli datat 28 ta' Lulju 2003 fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi, huwa nnomina bħala* **eredi universali** *lil bintu* ***Erica Marmara****. Is-Suċċessjoni tal-imsemmi Michael Dalli ġiet debitament denunzjata permezz ta' dikjarazzjoni Causa Mortis datat 18 ta' Marzu 2023 fl-atti tan-Nutar Dottor Melvin Polidano, kopja hawn annessa u mmarkata* ***Dok.J.***

8. *Illi preżentament l-fond numru mitejn u tmienja u tletin (238), Triq is-Sorijiet, Ħal Tarxien jinkera lill-intimati Saviour u Maria, konjugi Spiteri, versu l-kera ta' mitejn u sbatax punt sitta Ewro (€217.60) fis-sena.*

9. *Illi l-Esponenti jidhrilhom illi l-kera eżistenti ta' mitejn u sbatax punt sitta Ewro (€217.60) fis-sena hija baxxa wisq u liema kera ma tirriflettix il-valur liberu u frank tal-fond fuq is-suq miftuħ. Għalhekk, l-Esponenti jissottomettu illi l-imsemmija kirja mhiex ħlas ta' kumpens xieraq u għaldaqstant hija leviża tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanċiti taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet fundamentali.*

10. *Illi għalhekk l-Esponenti jidhrilhom illi huma għandhom dritt li jeżiġu li l-kera tal-fond tkun waħda ekwivalenti għal tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank tal-fond hawn fuq imsemmi fuq is-suq miftuħ.*

***Għaldaqstant,*** *l-Esponenti umilment jitolbu bir-rispett lil dan il-Bord jogħġbu:*

i. ***Jistima l-valur** tal-fond numru mitejn u tmienja u tletin (238), Triq is-Sorijiet, Ħal Tarxien, **liberu u frank, fuq is-suq miftuħ skont il-liġi**; u*

ii. ***Jvarja** l-kondizzjonijiet tal-kera **billi jawmenta** l-kera tal-fond numru mitejn u tmienja u tletin (238), Triq is-Sorijiet, Ħal Tarxien **għal tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank tal-fond fuq is-suq miftuħ**, liema kera tiġi riveduta perjodikament kull sena skont l-indiċi tal-ogħli tal-ħajja jew somma verjuri kif jidhirlu dan il-Bord taħt dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma ingunti għas-subizzjoni.*

Ra d-digriet ta' dan il-Bord tat-13 ta' Awwissu 2024[2], fejn dan ir-rikors ġie appuntat għas-smiegħ.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar mressqa fit-22 ta' Awwissu 2024[3].

Ra r-risposta tal-intimati konjuġi Spiteri mressqa fis-16 ta' Settembru 2024[4].

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2024[5], fejn ġiet imressqa nota ġuramentata[6] mill-intimati kontenenti dokumentazzjoni meħtieġa għat-twettieq

[2] A fol 40 *et seq* tal-proċess.
[3] A fol 43 tal-proċess.
[4] A fol 48 *et seq* tal-proċess.
[5] A fol 52 *et seq* tal-proċess.
[6] A fol 54 *et seq* tal-proċess.

tat-test tal-mezzi, u fejn xehdu l-intimati Saviour Spiteri[7] u Maria Spiteri[8]. F'din l-istess seduta ġew maħtura l-periti Mario Cassar u Marie Louise Caruana Galea sabiex iħejju stima tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri.

Ra r-rapport peritali tal-Membri Tekniċi mressaq fis-6 ta' Diċembru 2024[9], rigwardanti l-fond mertu ta' dawn il-proċeduri.

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-3 ta' Frar 2025[10], fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidra;**

Illi l-proċeduri odjerni huma bbażati fuq l-Att XXIV tas-sena 2021, liema Att nieda proċedura simili għal dik li kienet daħlet fil-konfront ta' kirjiet ibbażati fuq il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-verità l-Att XXIV tas-sena 2021 wettaq ukoll diversi emendi mill-Att preċedenti[11] u dan fi żmien relattivament qasir. Din il-leġislazzjoni hija frott numru konsiderevoli ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nostrana li ddikjarat kemm il-darba ksur tad-drittijiet fundamentali ta' sidien, kemm fir-rigward ta' kirjiet naxxenti mill-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll dawk li jemerġu mill Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi huwa minnu li l-azzjoni hawn utilizzata tippermetti ċertu ammont ta' diskrezzjoni (u allura responsabbiltà) lil dan il-Bord fl-iffissar tal-persentaġġ li

[7] Xhieda relattiva tibda a fol 123A tal-proċess,
[8] Xhieda relattiva tibda a fol 123C tal-proċess.
[9] A fol 124 *et seq* tal-proċess.
[10] A fol 135 tal-proċess.
[11] Att XXVII tas-sena 2018.

għandu jintuża[12]. Madanakollu, għal dan il-Bord, huwa ċar li dan il-persentaġġ, sakemm verament ma jiġux pruvati xi ċirkostanzi estremi, għandu dejjem ikun viċin il-massimu tiegħu[13]. Naturalment dan huwa aktar aċċentwat f'każ fejn xi sidien, qabel ma jkunu niedu din il-proċedura, jkunu ottjenew dikjarazzjoni li huma sfaw vittmi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Ikun ħażin li f'każ bħal dak, dan il-Bord possibbilment ikun hu stess kaġun ta' kontinwazzjoni ta' dik il-vjolazzjoni billi jiffissa kirja b'persentaġġ tant baxx li l-kirj a l-ġdida tispiċċa wkoll tkun waħda irriżorja.

Illi magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet imiss li dawn il-prinċipji jiġu applikati għall-każ odjern.

Illi dwar it-titolu[14], il-Bord huwa sodisfatt mid-dokumentazzjoni mressqa mir-rikorrenti, u din baqgħet ma ġietx kontradetta. Tajjeb jiġi mfakkar ukoll li fl-aħħar seduta saret dikjarazzjoni ta' rikonoxximent da parti tal-intimati. Mill-assjem tal-

[12] Dwar dan il-Bord jissenjala li l-leġislatur ħass li fejn qabel, l-Att Nru. XXVII tas-sena 2018 kien jistabbilixxi x'għandu jeżamina l-Bord meta jiġi biex jistabbilixxi l-kirja pagabbli (u dan fil-konfront tal-azzjoni taħt il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta), dan il-fattur tneħħa bl-Att Nru XXIV tas-sena 2021. B'hekk skond il-liġi tal-lum, il-Bord hu fil-libertà li jqis kull fattur li huwa jirritjeni determinanti.

[13] Huma issa diversi s-senjalazzjonijiet magħmula fi proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali fuq dan l-aspett. Fost diversi, il-Bord jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Said *et* vs Avukat tal-Istat *et***, (Rik Kost Nru: 302/23AJD) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) nhar is-27 ta' Settembru 2024. Ukoll, issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Fatima Azzopardi *et* vs Carmelo Azzopardi *et***, (210/2020/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Ottubru 2022. Lil hinn minn deċiżjonijiet f'dik il-kompetenza però, dan il-Bord jagħmel referenza għal dak li ntqal u ġie deċiż fl-ismijiet **Marcus Scicluna Marshall *et* vs Michael Borg Cardona**, (Appell Inferjuri Numru 723/22LM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Ġunju 2024 u fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Albert Naudi *et* vs Patricia Gauci *et***, (Appell Inferjuri Nru. 170/19LM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Ġunju 2021 , fejn fiż-żewġ istanzi aggravju fuq punt simili ġie miċħud.

[14] Dwar dan, il-Bord jiġbed l-attenzjoni għal-fatt li n-nomenklatura ta' min jista' jħejji azzjoni ai termini tal-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta jew l-artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta inbidel. Filwaqt li l-Att XXVII tas-sena 2018 (relevanti għall-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta) kien isemmi li l-azzjoni li kien "il-proprjetarju" li seta' jippreżenta tali rikors, l-Att XXIV 2021, ġustament, illum jutilizza l-kliem "sid il-kera".

provi jirriżulta peró lir-rikorrenti Anthony *sive* Toninu *sive* Ninu Dalli huwa biss ko-proprjetarju ta' sehem minn ħamsa (1/5) tal-fond in mertu. In oltre, jirriżulta wkoll li skond il-*causa mortis* tas-sena 2011[15] ir-rikorrenti Claude Roderick Dalli u Josette Antonia Debono Dalli għandhom biss sehem minn għaxra (1/10) indiviżi kull wieħed tan-nuda proprjeta'[16], fil-waqt li hija ommhom Teresa Dalli illi għandha d-dritt għal sehem minn ħamsa (1/5) mill-kera u dan għaliex hija ingħatat l-użufrutt tal-beni kollha tal-eredita' ta' żewġha George Dalli tul il-ħajja kollha tagħha. Bl-istess mod, jirriżulta illi skont il-*causa mortis* tal-2023[17], ir-rikorrenti Erika Marmara' għandha biss sehem minn ħamsa (1/5) tan-nuda proprjetà', fil-waqt li hija ommha Sheila Lillian Dalli illi għandha d-dritt għal sehem minn ħamsa (1/5) mill-kera u dan għaliex hija ingħatat l-użufrutt tal-assi kollha ta' żewġha Michael Dalli "*vita durante*". S'hawnhekk allura, jirriżulta li fir-rigward tal-ishma li kienu jappartjenu lill-mejtin George Dalli u Michael Dalli, huma biss Teresa Dalli u Sheila Lillian Dalli li għandhom il-jedd għall-kirja, ġaladarba r-rikorrenti Claude Roderick Dalli, Josette Antonia Debono Dalli u Erika Marmara' għandhom biss ishma min-nuda propjeta. Jiġi b'hekk li

---

[15] A fol 26 *et seq* tal-proċess.

[16] Fost oħrajn, il-Bord jissenjala s-sentenza fl-ismijiet **<u>Richard Zahra vs l-Avukat tal-Istat *et*</u>**, (Rik Kost Nru: 564/2021/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-25 ta' Ottubru 2023 fejn ingħad hekk: "*Id-dokumenti li fuqhom l-attur jibni l-pretensjonijiet tiegħu juru li bejn l-2014 u l-2020 il-fond kien soġġett għall-użufrutt ta' missieru, li jfisser għalhekk li l-jedd li jirċievi l-kera – u wkoll il-jedd għad-danni jekk il-liġi ċaħħditu minn kera xieraq – kien imss lill-missier (jew lill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-missier u l-omm) u mhux lill-attur. Jekk l-attur qiegħed jallega li missieru irrinunzja għall-użufrutt, l-oneru tal-prova li hekk ġara hija fuq l-attur, iżda dik il-prova ma saritx.*" Bl-istess mod, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Joseph Pace *et* vs Avukat tal-Istat *et*</u>**, (Rik Kost Nru: 223/2020/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-12 ta' Lulju 2023. Hekk ukoll, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Dr Aldo Fiorini *et* vs L-Avukat tal-Istat *et*,</u>** (Rik Kost Nru: 357/2022) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Jannar 2024 (mhux appellata) fejn ġie ġustament ritenut hekk: "*It-terminazzjoni tal-użufrutt, bil-mewt jew mod'ieħor, kienet prova ta' mportanza kbira, partikolarment meta wieħed iqis li meta jkun veljanti fuq immobbli jedd ta' użufrutt, huwa l-użufruttwarju li għandu d-dritt ta' tgawdija fuq dak l-immobbli u fuq il-frottijiet tiegħu, ad esklużjoni tas-sid. Li jfisser li huwa biss l-użufruttwarja li, matul il-pendenza tal-użufrutt, għandu "possediment" għal finijiet tal-Konvenzjoni, u kwindi l-użufruttwarju li jista' jilmenta minn ksur tad-dritt fondamentali u mhux is-sid.*"

[17] A fol 33 *et seq* tal-proċess.

attwalment, id-dritt għall-frott fuq l-ishma ta’ tnejn minn ħamsa (2/5) mill-istess fond, f’dan il-każ, il-kirja, kellha tkun dovuta lil Teresa Dalli u Sheila Lilian Dalli biss, iżda dawn illum ma jifformawx parti mill-kawża odjerna, u għalhekk sehemhom ma jistax jiġi likwidat.

Illi minn eżami tad-dokumentazzjoni tal-konjuġi Spiteri relattivi għat-test tal-mezzi, il-Bord isib li huma jissodisfaw it-test tal-mezzi rikjest, skond il-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11[18].

Illi skond il-Periti Membri Tekniċi, il-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond in kwistjoni, fil-perjodu rilevanti skond il-liġi, jammonta għal mija u tmenin elf Ewro (€180,000). Tajjeb jingħad li fil-verbal tal-11 ta’ Novembru 2024, ġie speċifikat li ma kellux jittieħed qies tal-eventwali potenzjal tal-fond in kwistjoni[19]. Ir-rapport kien wieħed unanimu u għalhekk dan il-Bord qiegħed jaċċetta dik il-konklużjoni[20].

[18] Regolamenti 5(7) u 6(6) magħdud flimkien mar-regolament 9.

[19] F’dan is-sens il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza riċenti fl-ismijiet **Agostina sive Ina Cini *et* vs L-Avukat tal-Istat *et*** (Rik Nru. 107/2022) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-18 ta’ Novembru 2024, fejn ġie mtenni hekk: “*F’sentenzi oħra ta’ din ix-xorti lqorti diga’ għamlitha ċara li l-potenzjal ta’ żvilupp tal-fond hu rrilevanti. Meta tiġi għal-likwidazzjoni tal-kumpens pekunjarju, dak li hu rilevanti hu stima tal-kera tal-fond kif inhu fiż-żmien rilevanti. Il-potenzjal ta’ żvilupp hu rilevanti li kieku l-fond ikun ser jinbiegħ. F’dawn il-każijiet il-fond jibqa’ proprjeta’ tas-sidien.*” Referenza ssir ukoll għas-sentenza ta’ dan il-Bord fl-ismijiet **Gerald Camilleri *et* vs Alphonse Camilleri *et*,** (Rik Nru: 213/2020) mogħtija nhar is-27 ta’ Ottubru 2023 (mhux appellata) li fiha ġew imħaddna l-prinċipji relattivi emerġenti mill-aħħar sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali dwar dan il-punt. Dan il-ħsieb ġie wkoll imtenni fis-sentenza fl-ismijiet **Joanne Cassar *et* vs Frances Azzopardi** (Rik Nru: 450/22NB) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar is-17 ta’ Ottubru 2024; fis-sentenza fl-ismijiet **Vincent Bonello *noe* vs Joseph Cardona *et***, (Rik Nru: 53/20NB) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar il-25 ta’ Jannar 2024; u fis-sentenza fl-ismijiet **Carmen Callus *et* vs Carmel Debattista *et*** (Rik Nru: 620/22NB) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar is-27 ta’ Ġunju 2024. Issir ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mario Cini *et* vs Rose Busuttil,** (Rik Nru: 682/2022LC) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar it-18 ta’ Ottubru 2024.

[20] Artikolu 23(3) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi kif diġà ntqal, għal dan il-Bord, persentaġġ viċin il-massimu ta' 2% għandha tkun ir-regola, u f'dan il-każ ma ġiet ippruvata l-ebda ċirkostanza li twassal il-Bord sabiex jistabbilixxi persentaġġ inqas mill-massimu li tippermetti l-liġi[21]. B'hekk, il-kera annwali pagabbli tal-fond in kwistjoni għandu jkun fl-ammont ta' tlett elef u sitt mitt Ewro (€3,600) fis-sena. F'dan il-każ, peress l-intimata Maria Spiteri hija propjetarja ta' sehem minn ħamsa (1/5) indiviż, l-ammont pagabbli għandu jkun dak ta' elfejn, tminn mija u tmenin Ewro (€2,880). Iżda jrid jingħad ukoll illi in vista ta' dak spjegat f'aktar dettall hawn fuq, ċioe' li l-użufruttwarji ta' żewġ ishma minn ħamsa (2/5), Teresa Dalli u Sheila Lillian Dalli, u l-ko-proprejtarja l-oħra ta' sehem minn ħamsa (1/5), ċioe' Nancy Dalli, ma jifformawx parti minn dawn il-proċeduri, huwa biss sehem ir-rikorrenti **Anthony *sive* Toninu *sive* Ninu Dalli** li jista' jiġi likwidat u ordnat il-ħlas tiegħu bil-proċeduri tal-lum.

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-vertenza billi:

1) Jastjeni milli jqis aktar l-ewwel talba billi dan il-fond ġie vvalutat mill-membri tekniċi nnominati minnu waqt l-andament tal-proċeduri.

2) Jilqa' limitatament it-tieni talba u jordna li l-intimati konjuġi Spiteri jħallsu lir-rikorrenti **Anthony *sive* Toninu *sive* Ninu Dalli** kera għall-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, ċioe' dak enumerat mitejn, tmienja u tletin (238), Triq is-Sorijiet, ġewwa Ħal Tarxien fl-ammont ta' seba' mija, u għoxrin Ewro

[21] Ara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Rossana Mula *et* vs Maria Theresa k/a Marthese Farrugia**, (Rik App Nru: 346/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-13 ta' Marzu 2024, u fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Carmela Bugelli *et* vs Saviour Bonnici *et*.,** (Rik App Nru: 760/2022LM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-29 ta' Mejju 2024 fejn ġiet mibdula l-pożizzjoni mħaddna mill-istess Qorti f'deċiżjonijiet passati bħal dik fl-ismijiet **Louis Vincenti *et* vs Maria sive May Herrera *et*,** (App Ċiv Nru: 237/18LM) mogħtija fis-7 ta' Lulju 2023, u fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Rose Spiteri *et* vs Antoine Farrugia *et***, (App Ċiv Nru: 265/2021) mogħtija fl-24 ta' Mejju 2023.

(€720), fl-ammont ta' sittin Ewro (€60) fix-xahar, pagabbli kull xahrejn bil-quddiem, u dan mid-data ta' din is-sentenza.

3) Jiċħad l-eċċezzjonijiet sa fejn inkompatibbli ma' dak hawn deċiż.

Minħabba n-natura tal-proċeduri kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha. L-ispejjeż tal-Awtorità tad-Djar jibqgħu bla taxxa.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur